# MIN HU ZEWGEK

KUMMIEDJA F'ATT WIEHED MAQLUBA GHALL-MALTI MINN

PAWLU BUGEJA

## PERSUNAGGI

| | |
|---|---|
| SANDER FARRUGIA | ZEWG ANNA |
| ANNA FARRUGIA | MART SANDER |
| MARIJA | SEFTURA TA' ANNA |
| TILLU ZARB | NEGOZJANT |
| VIOLETTA CIANTAR | MART LINO |
| LINO CIANTAR | ZEWG VIOLETTA |

X-Xena tippresenta sala fid-dar tas-Sur Sander

Xena I (Muzika Numru I)

Sander u Marija

Sander = Fejn hi s-sinjura, Marija?

Marija = Fuq, sinjur ..... Ghadek diehel issa?

Sander = Iva, Marija, ..... Ghamilt lejl barra.

Marija = Ghalhekk s-sinjura ilha tgerger u ssabbat minn x'hin qomna, minghajr ma stajt nittendi ghaliex .... (Pawsa) ..... Fejn kont, sinjur?

Sander = Heq, ma' klikka hbieb tieghi ... nilghabu l-poker u nixorbu.

Marija = Nixtieq naf kemm sejjer iddum iblah?

Sander = Sakemm immut= hekk twelidt, hekk ghext u hekk immut.

Marija = Issa x'sejjer tghidilha lis-sinjura?

Sander = Tahseb li miniex kapaci nsib skuza? ..... Nghidilha li mort nghum.

Marija = Tghum bil-lejl, sinjur? ...... X'riha ta' xorb ghandek f'halqek.

Sander = Tinxtamm?

Marija = Minn seba' mili boghod.

Sander = Sewwa wisq= nghidilha li skirt, ghajnejja marret bija u bqajt rieqed s'issa fuq bank ta' Pjazza Regina.

Marija = Ma nafx, sinjur, mhix gidba li titwemmen .... Ghax ma tghidilhiex li kont ma' xi habib u .......

Sander = Iskot, Iskot ghax gejja.

Xena II

Anna u l-istess

Anna = (Tidhol ir-rabjata) Bongornu, sur galantom.

Sander = (Boghod minn martu) Bongornu, Anna.

Anna = Imma x'wicc tost ghandek li tidher quddiemi wara li tqatta' lejl shih barra?

Sander = Ghala le? ..... Inti taf fejn kont?

Anna = Fejn stajt kont, nisimghu .... Tkellem, fejn kont? (Lill Marija) .... Tista' tmur gewwa Marija.

Marija = (Hi u hierga) .... Anqas irrid inkun xaghra f'gismu bhalissa. (Via)

Anna = Nista' nkun naf fejn kont, ja disklu l'int?

Sander = Oh, fejn ridtni nkun?

Anna = Ersaq 'l hawn, tibzax miniex sejra nsawtek.

Sander = (Jersaq) Taf fejn kont? Le? Tajjeb nghidlek malajr. Il-bierah fil-ghaxija wara li hrigt minn hawn iltqajt ma' habib tieghi u qalli= "Immorru girja karrozza?" ..... "Immorru", ghedtlu jien ..... qbadna l-karrozza u bqajna sejrin 'il barra ..... Waqafna l-Mosta, hadna xi zewg grokkijiet u wara ftit tlaqna ..... Malli qbadna t-triq tal-Mosta, il-karrozza taghna skiddjat, dahlet go karrozza ohra u t-tnejn sirna ftira ..... F'daqqa wahda, pulizija, ambulanza, stretchers, fire-engines ..... fi ftit kliem tragedja shiha. Din hi l-istorja kollha.

Anna = Iss! U Alla jbierek int lanqas barxa.

Sander = Jien xejn! Imma l-habib tieghi ma nafx jekk s'issa mietx.

/---

Anna = Iss! Miskin ...... U issa fejn hu dan il-habib tieghek?

Sander = Id-dar.

Anna = Mhux l-isptar?

Sander = Le, ghax ma riedx li jehduh l-isptar.

Anna = Iss .... jahasra! U min hu dan il-habib? .... Tista tghid nafhom kollha l-hbieb tieghek.

Sander = Imma lil dan ma tafux.

Anna = Iva x'jismu? ..... Possibbli li ma nafux?

Sander = (Wahdu) Issa min nghidilha li hu? (Idur 'l hawn u 'l hinn; isib ktieb) ....... "Registru ta' l-Eletturi" (iqallbu u jghid) Eh, min hu? ..... Certu s-Sur Lino Ciantar ..... Tafu?

Anna = Le ma nafux .... Fejn joqghod?

Sander = Fejn joqghod? (Jerga jaqra mir-registru) ..... Mint Street No. 12.

Anna = Sewwa wisq ... Lino Ciantar, Mint Street No. 12. Mela kwazi hdejna! .... Tajjeb, nibghatlu ittra.

Sander = X'taghmel?

Anna = Nibghatlu ittra fejn nispjegalu d-dispjacir tieghi ghal dak li gralu, ecc., ecc.

Sander = U le ghalfejn? .... Izjed tard nghaddi jien.

Anna = Le, ruhi, ... issa int mur strieh, ghax naturalment tinsab ghajjien wara lejl imqajjem. Jien nibghat lis-seftura bl-ittra .... (Issejjah) Marija (Tpoggi tikteb).

Sander = (Wahdu) Mill-hazin ghall-aghar.

## Xena III

### Marija u l-istess

Marija = Sejjahtli, Sinjura?

Anna = Iva .... Mur u hu dan il-biljett f'dan l-indirizz u ghidilhom li bghattek jien.

Marija = (Tiehu f'idejha l-biljett) ...Nistenna r-risposta?

Sander = (Malajr) Le mhemmx ghalfejn.

Anna = Tista' tmur .... iddumx.

Marija = Le, Sinjura (Tohrog).

Anna = Sewwa hekk?

Sander = Jien naf x'inhu sewwa .... Jekk joghgbok ferraghli ftit kafe' qabel immur nistrieh daqsxejn ... Jekk illum jigi xi klijent ma jien hawn ghal hadd; ... ghimt?

Anna = Iva fhimt .... Halli mmur inferraghlek il-kafe' (Tohrog).

Sander = Ecco, s'issa l-mara belghet kollox ... Dak il-biljett li baghtet hawwadni ftit .... Min jaf min jircevih kif jifhmu .... Madankollu jifhmu kif irid. (Cempila min gewwa) Min gie? (Isejjah) Marija .. Marija!! Bil-haqq, dik harget (Imur jiftah wara ftit jidhol ma' Tillu).

## Xena IV

### Sander u Tillu

Sander = Iva jien hu s-Sur Sander Farrugia ... Poggi.

Tillu = (Ipoggi) In-negozjant Sander Farrugia, Hux veru? (Dejjem idawwar rasu fuq rih wiehed, effett tan-nervi).

/---

Sander = Kollni kemm jien .... X'ghandek bzonn?

Tillu = Sur, Sander, in-negozju taghni daqqa ta' harta.

Sander = Iva ehlisni ruhi; ... ghidli xi trid?

Tillu = Taf. Lanqas ghandi haqq ghaxja ta' lejla.

Sander = Propju lili gejt tghidu dan il-kliem?

Tillu = Meja lil min? ... Ghax int biss tista' tghinni ftit mil-mizerja li ninsab fiha.

Sander = B'liema mod nista' nghinek?

Tillu = Ghandi ftit tubi ta' l-otto, xi gewziet tal-lampi ftejjel ta' l-ispiritieri ...

Sander = Issa jien x'jimpurtani x'ghandek.

Tillu = Ghax ghidt forsi.... tixtrihom int. Intihomlok bi ftit flus.

Sander = Le, habib, ma jghoddux ghalija. (Iqum biex iqum Tillu)

Tillu = (Jibqa' bil-qieghda) Intihomlok bi ftit flus.

Sander = (Wahdu) X'idea qieghda tigini..... Tajjeb, kemm trid taghhom?

Tillu = Tridx tigi tarahom?

Sander = Le, m'hemmx ghalfejn..... Kemm trid taghhom?

Tillu = Hames liri.

Sander = Tajjeb, nehodhom, basta taghmel dan li se nghidlek.

Tillu = Ghidli sinjur.

Sander = Issa hawn tigi l-mara tieghi u ghidilha li int (Imur jara r-Registru Elettorali) li int is-Sur Lino Ciantar u li dal-lejl konna flimkien u li hbatna bil-karrozza tieghek ..... Taccetta?

Tillu = Mhux xorta ghalija? ... Ghad li anqas hmar ma ghandi.

Sander = Iskot ghax geej l-mara.

## Xena V

### Anna u l-istess

Anna = Sander, il-kafe' lest..... Min hu dan is-Sinjur?

Sander = Eh...dana s-sur Lino Ciantar, dak li dal-lejl kont mieghu..... Hares lejh ghadu bl-attakk tal-qatgha fuqu.

Anna = Iva...Miskin... Ghandi pjacir hafna li sirt nafek, Sur Ciantar, ..... Mur ara x'qatgha hadtu.....hux veru?

Tillu = Iva, sinjura, qatgha kbira wkoll.

Anna = Sander, fejn hi Marija?

Sander = Ghadha ma gietx.

Anna = (Lil Tillu) Kif, Sur Ciantar, ma rcevejtux il-biljett tieghi?

Tillu = (Konfus) X'biljett hu, Sinjura?

Anna = (Waqt li Sander jaghmel is-sinjali lil Tillu) Il-biljett li bghattlek, fejn xtaqtlek li l-habta ma tkunx ta' konsegwenzi gravi.

Sander = Ghax hu wasal qabel ma s-seftura waslet id-dar tieghu...... Hux veru sur Ciantar?

/---

Tillu = (Icaqlaq rasu izjed qawwi) Iva hekk hu.

Anna = Jiddispjacini hafna, Sur Ciantar. Milli qieghda nara x-xokk ghadu fuqek. Nifhem li issa ahjar tmur tara tabib.....

Tillu = Ahna hbatna, sinjura, ma hadna ebda xokk.

Sander = Le, le, trid tghid il-hasda ghadha fuqek.

Tillu = Eh, issa fhimt.

Xena VI

Marija u l-istess

Marija = Sinjura, lis-Sur Lino ma sibtux hemm, imma l-biljett tajtu lis-Sinjura tieghu.

Anna = Ghandek ragun Marija, ghax is-Sur Ciantar wasal hawn qabel mort int ghandu. (Juri lil Tillu)..... Hawn arah..... Tista' tmur, Marija (Marija tohrog)

Tillu = Mela issa se nhallikom.

Anna = Le, ma tarax kif thallina! L-ewwel hu ftit kafe' ma' Sander u wara mur fejn trid; anzi nikkonsiljak li min hawn tibqa' sejjer ghand it-tabib..... Allura l-incident fejn gara sewwa?

(Sander minn wara Anna ifiehem lil Tillu l-Knisja tal-Mosta u t-triq ta' hdejha.... Tillu jifhem il-kuntrarju).

Tillu = Konna ghaddejjin u hbatna ma' xi haga kbira tonda.

Anna = Imma l-incident fejn gara?

Tillu = (Ihares lejn Sander, imma ma jifhmux) fil-wied ta' l-Imsida...

Sander = Konna fil-wied ta' l-Imsida, imma wara tlaqna ghall-Mosta, u hemm gara l-incident, .... Hux veru?

Tillu = Hekku l-Mosta.

Anna = Mur ara x'qatgha! Intant ma nitkellmux izjed fuq dan .... Ejja kompli maghna .... imxi Sander. (Tohrog).

Tillu = Se ndum xejn sejjer hekk? Ghax fl-ahhar ninbaram u ninqabad.

Sander = U le, tibza' xejn .... Imma wara li tiehu l-kafe' nohorgok jien (Sander u Tillu johorgu).

(Tinstema cempila minn gewwa)

Xena VII

Marija tmur tiftah u tigi lura ma' Violetta

Marija = Poggi, Sinjura .... Allura propjament lil min trid; lis-Sinjur jew lis-Sinjura?

Violet = Lis-Sinjur ... Halli nara b'liema dritt il-mara tieghu tibghat dak il-biljett lil zewgi bi kliem minn dik ix-xorta.

Marija = Tajjeb, Sinjura ... (Wahida) Gej ic-cajt. (Marija tohrog u Violetta tippassigga nervuza).

Xena VIII

Violetta u Sander

Sander = Tridni, Sinjura?

/---

Violetta = Inti hu r-ragel tas-Sinjura Anna Farrugia?

Sander = Biex inservik.... Ma' min ghandi l-pjacir nitkellem?

Violetta = Ma' Violetta Ciantar, il-mara ta' Lino Ciantar.

Sander = Ma nafkomx.

Violetta = Imma martek tafu lil zewgi, u milli jidhru..... tal-kunfidenza ghax tibghatlu l-biljetti wkoll.

Sander = (Jaghti daqqa fuq mohhu) Issa qieghed nifhem... Issa qieghed nigi fiha... Sinjura ahfirli ahfer lil-mara tieghi, ahfer lil kulhadd, anki lis-seftura li giebet il-biljett.

Violetta = X'voldiri?

Sander = Isma' l-istorja, Sinjura : "Jien dal-ghodu dhalt id-dar tard, cioe' ghamilt lejl barra. S'intendi l-mara riedet taf fejn kont... Jien sibt skuza u ghedtilha li kont ma' habib u li gratilna disgrazzja bil-karrozza... Wara ftit staqsietni min hu dan il-habib; Jiena ridt insemmilha bniedem li ma tafux... Ghall-ewwel ikkonfondejt, imma wara ftit gie quddiemi dan ir-Registru Elettorali (Juriha l-ktieb) u fih sibt isem addocc... U dan l-isem inzerta ta' zewgek... Marti kitbet biljett u baghtitu lil zewgek... L-iskop taghha sewwa ma stajtx nifhem x'kien"... Din hi l-istorja kollha Sinjura.

Violetta = Eh, issa qieghda nifhem... La darba hu hekk mor iehor.

Sander = Issa l-biljett x'ghamilt bih?

Violetta = Hallejtu fuq l-iskrivanija ta' zewgi.

Sander = Dak il-gwaj.

Violetta = Ghala?

Sander = Ara ghala : Issa jekk zewgek ifettillu jigi?

Violetta = Jiena malajr nighidlu b'dak li gara.

Sander = Le, Sinjura, ghax zewgek ga hawn.

Violetta = Ga hawn?... Kif jista' jkun?

Sander = Cioe', mhux hu, izda wiehed li gie hawn u tlabtu biex jiehu isem zewgek b'hekk inkun nista' nipperswadi lil marti li l-istorja hija vera.

Anna = (Minn gewwa) Sander... Sander.

Sander = Il-mara! Issa Sinjura aghmilli favur u ghid li int il-mara ta' dak li hawn f'dari... Salvani, Sinjura!

Violetta = Kif jista' jkun?

Sander = Int x'titlef billi taghmel dan?

Violetta = (Tahsibha ftit, imbaghad) Tajjeb, insalvak.

Sander = Grazzi, grazzi hafna... Fuq dan nitkellmu izied 'il quddiem.

Violetta = Issa jiena kurjuza biex nara lil dan is-suppost sewgi

Sander = Dal-waqt tarah, imma nahseb li ma tantx joghgbok ghax ibati ftit bin-nervi... Gejja l-mara (Johloq diskors)... Iva, Sinjura, kellna tassew xorti li bqajna hajjin.

/---

## Xena IX

### Anna, Sander u Violetta

Anna = Mela bqajt hawn, Sander? (Tilmah lil Violetta) Sinjura!

Sander = (Jippresentaha) Is-Sinjura Ciantar, il-mara tal-habib tieghi.

Anna = Ghandi pjacir hafna li sirt nafek, Sinjura... Poggi... poggi... Halli nsejjah lir-ragel tieghek. (Tersaq lejn il-bieb minn fejn tkun dahlet). Sur Lino, jekk joghgbok, ejja ftit, hawn is-Sinjura tieghek. (Lil Violetta) ..... Issa tkompli tiehu l-kafe' maghna ..... Kienu tassew iffortunati zwiegna li helsu minn dik id-disgrazzja.

Violetta = Veru, iva....Tghidx il-qatgha li hadt meta rajtu gej sturdut id-dar.
(Sander jifrah ghax qeghda tkompli).

Anna = Nifhem li issa ghandu bzonn jaghmel konsulta, ghax ghandu nervi fuqu li alla hares ikompli hekk.

Violetta = Iva, baqa jtemtem ftit.

Anna = Le, jien ma smajtux itemtem.

Sander = Iva kien itemtem, izda dak ghaddielu .... Imma qieghed biss icaqlaq rasu. (Icaqlaq rasu biex juri kif, u fl-istess hin b'sinjal biex Violetta tghid "Iva".

Violetta = Iva, Iva, issa qeghda niftakar.

## Xena X

### Tillu u l-istess

Tillu = Fejn hi l-mara?

Anna = Hawn araha.

Sander = (Lil Tillu) Kompli maghha.

Tillu = Mela le? Beccuna bhal din.

Violetta = Jiena hadt bsiebek meta rajt li domt ma gejt id-dar.

Tillu = Imur fuqha jghannaqha). Grazzi, grazzi mahbuba tieghi.

Violetta = (Twarrbu) Issa ahjar immorru.

Anna = Tmorru? .... Ma tarax! .... Araw oqoghdu maghna l-lum... Tistghu tuzaw dik il-kamra (Turihom kamra) .... Ingibilkom il-kafe', u aghmlu mod li qeghdin f'darkhom ... Hemmhekk issibu xi tbiddlu .... Ahna issa qisna familja wahda ... Idhlu? .... X'intom tahsbuha?

Violetta = U le ahna dalwaqt sejrin.

Anna = Hallik milli sejrin! Xejn, xejn zewgek iderri ftit .... Hux veru, Sur Lino?

Tillu = (Ihares warajh ghax jinsa li jismu Lino.)

Anna = Mhux veru?

Tillu = (Jintebah) ... Eh, iva, verissmu ... Nidhlu, sabiha tieghi. (Tillu jpoggi idu madwar ghonq Violetta, imma din twarrabhielu .... It-tnejn jidhlu fil-kamra li kienet uriethom Anna.)

Anna = Int ejja ghinni ftit. (Johorgu t-tnejn).
(Pawsa .... Cempila min gewwa).

/----

## Xena XI

Marija: u ftit wara jigi Lino maghha.

Marija = Kemm gejjin nies illum. (Tmur tiftah, u ftit wara tidhol b'Lino).

Lino = Iva lis-Sinjura ghandi bzonn inkellem.

Marija = Min nghidilha li int?

Lino = Ghidilha li gie dak li baghtitlu l-biljett.

Marija = Eh, is-Sur Lino Ciantar.

Lino = U int kif taf?

Marija = Ghax jien gibtulek il-biljett .... imma mhux int ......

Lino = Kif mhux jien .... Mur u ghidilha li jien hawn. (Marija tohrog b'mod li ma tistax tifhem).

## Xena XII

Lino u Anna

Anna = Bongornu

Lino = Bongornu, sinjura.

Anna = X'ghandek bzonn?

Lino = Qatt ma kont nahseb li sejjer inkun iffortunat daqshekk.

Anna = Iffortunat? ...... B'liema mod?

Lino = Bil-mod li narak u nkellmek. (Violetta tbexxaq il-bieb tal-kamra fejn qieghda u tilhaq tisma' kliem zewgha).

Violetta = (Tosserva).....Bravu s-Sur zewgi.....Mieghi ghandu jghamilha.

Anna = Skuzi, tista' tfehemni ftit x'inti tghid?

Lino = Kif x'jiena nghid?... Mhux inti sejjahtli? U fil pront gejt nigri hawn daws sajjetta ghas-sejha tieghek. Jiena minn dejjem kelli grazzja mieghek.

Violetta = (Min wara il-bieb) Sewwa wisq! Ghalina mela ..... Sur zewgi.

Anna = Isma' ghidli haga int f'sessik?

Lino = Mela miniex.

Anna = Tista' tghidli int min int?

Lino = Kif min jien? Jien Lino Ciantar, dak li bghattli l-biljett tieghek b'hafna kliem sabih.

Anna = Iva?... Int hu s-Sur Lino Ciantar, dak li bghattlek l-biljett ... Tridx jekk joghgbok, taqbizli 'l barra minn hawn?... Mela ma tafx li s-Sur Lino Ciantar ilu hafna hawn mal-mara tieghu?

Lino = Xinhu?... Lino Ciantar hawn mal-mara tieghu?... Allura jien min jien?

Anna = Ma nafx, ruhi.

Violetta = (Min wara il-bieb) Inpattihielu din l-azzjoni (Taghlaq il-bieb)

Anna = Isma' Mr., ghandi x'naghmel, skuzani. (Issejjah) ... Marija ... Marija.

Lino = Nista' almenu nara lil dan s-Sur Lino Ciantar?

Anna = Mela le... Bhalissa qieghed gewwa ma' martu.

/...

## Xena XIII

### Marija, Lino u Anna

Marija = X'ghandek bzonn, sinjura?

Anna = Idhol f'dik il-kamra (Turiha fejn kienu dahlu Tillu u Violetta) u ghid lis-sinjuri Ciantar jigu hawn.

Marija = Tkun obduta Sinjura (Tmur thabbat mal-bieb u wara tidhol fil-kamra).

Anna = Nahseb li mill-ewwel sejjer tinqabad fil-kliem b'iehor tieghek.

Lino = Issa tara s-sewwa Sinjura... Jien wisq nahseb li int sejra zball

## Xena XIV

### Violetta, Tillu, Lino u Anna

Lino = Violetta?

Violetta = (Bi dressing gown... lil Anna) Min hu dan?

Anna = Dan qal li hu zewgek.

Violetta = Zewgi?.. Ha.. Ha.. Haj.

Lino = Ara x'fatt tilfet rasha marti.

Tillu = (Bla glekk) Nixtieq naf kemm sejrin idumu jgerruni.

## Xena XV

### Sander u l-istess

Sander = X'inqala'?

Anna = Dal waqt tkunu tafu.... Dan ir-ragel jippretendi li hu s-Sur Ciantar, ir-ragel tieghek (Turi lil Violetta)

Lino = Mhux nippretendi .....hekk hu! (Lil Violetta)

Anna = (Lil Violetta) Tkellem int, Sinjura.......Mhux hu zewgek?

Violetta = Sbejha din!.... zewgi hu dan (Turi lil Tillu) (Bil-mod lill Lino) .... Issa nkellmek meta nmorru d-dar.

Lino = X'inhu? (L-esklamazzjoni tinghad mal-kliem bil-mod ta' Violetta)

Kulhadd = (Lil Lino) Mela allur int. (Kulhadd jaghtih...Lino jdur mal-palk jghajjat u johrog jigri)

Violetta = Issa li hareg nista' nghid is-sewwa....Dak li hareg issa huwa l-veru zewgi.

Anna = X'inhu?

Sander = Faqqghet il-bomba.

/---

Violetta = Iva, dak hu zewgi.... Ghamilt dan biex inpattilu talli ried jitkessah mieghek..... Imma jekk zewgi kien haqqu xebgha, zewgek xejn ma haqqu inqas, ghax dak li gara kien kollu kliem b'iehor tieghu. .... Zewgi dal-lejl raqad taht l-istess saqaf tieghi u zewgek taht liema saqaf raqad?

(Anna iddur bir-rabja fuq Sander; dan jinzel ghar-rkobbtejh... Tillu jmur biex jghannaq lil Violetta.... Iz-zewg nisa flimkien jaghtu jaghtu daqqa ta' harta lill-irgiel u dawn jitilqu jigru mbezzghin)

====================

Siparju

===========